# in-Nota

April 2011 · Ħarġa Nru: 29

Fuljett maħruġ mill-*Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina'*
91 Triq il-Parroċċa, Mellieħa · Tel. 21521970/27521970 · Voluntary Organisation 0144
Website: http://www.choirandorchestra.org Email: info@choirandorchestra.org

# PASS IEĦOR 'IL QUDDIEM

L-aħħar li ltqajna magħkom permezz tal-fuljett 'In-Nota' kien ftit ġranet qabel il-festa tal-Vitorja li ċċelebrajna fit-8 ta' Settembru fejn bħala Għaqda Korali u Orkestrali tajna s-sehem sħiħ tagħna kemm fil-funzjonijiet fil-knisja Parrokkjali kif ukoll bil-programm annwali tal-ewwel ta' Settembru. Kienet festa li tatna sodisfazzjoni kbir u enerġija ġdida biex inkomplu għaddejjin bil-ħidma tagħna.




L-attenzjoni tagħna kompliet ukoll fuq il-proġett tal-bini. Kull min jgħaddi minn Triq il-Parroċċa u triq il-Kappillan Magri jista' jara x-xogħol imwettaq b'sengħa kbira b'mod partikolari fuq il-faċċata tad-dar tal-Għaqda. Fl-intrata tal-parti l-antika tpoġġa madum li jkompli jagħti dehra li tixraq lil dar antika mibnija b'ġebla Melleħija. F'dawn l-aħħar sitt xhur sar ħafna xogħol grazzi għall-voluntiera dedikati taħt it-tmexxija tal-President is-Sur Joseph DeBono, il-Perit is-Sur Joseph Attard u l-bennej is-Sur Silvio Pace, li jmiddu jdejhom biex jaraw dan il-proġett isir realta`.

Għalhekk ħassejna li wara s-suċċess tas-sena l-oħra, nhar il-Ħadd 10 ta' April nerġgħu norganizzaw *Open Day* biex kulħadd ikun jista' jattendi, iżur il-post u jgawdi mill-attivitajiet li ser jiġu organizzati. Iktar dettalji ssibuhom fl-aħħar paġna ta' dan il-fuljett. Mużikalment ukoll bqajna attivi ħafna u kellna firxa wiegħsa t'attivitajiet li lkoll twettqu b'suċċess. Bħala kor u orkestra ħadna sehem fil-festa tal-Madonna tal-Mellieħa fis-26 ta' Settembru u ġimgħa wara, fil-festa tal-Madonna tar-Ružarju. Kien imiss is-servizzi tal-Milied u għall-funzjoni ta' lejliet il-Milied, din is-sena daqqejna l-quddiesa bil-Latin ta' Perosi, fejn intlaqgħet tajjeb ħafna. Kellna wkoll programmi fil-lukanda Qawra Palace, u Casa Antonia f'Ħal-Balzan dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro Kenneth Fenech. Fl-aħħar Ħadd ta' Jannar kellna l-funzjoni tal-Isem Imqaddes t'Alla magħrufa bħala tax-Xirka u fis-27 ta' Frar ħadna sehem fil-quddiesa fil-knisja Parrokkjali waqt iż-żjara tal-President ta' Malta l-Eċċellenza tiegħu Dr. George Abela fejn wara għamel żjara qasira fid-dar tal-Għaqda tagħna u ltaqa' mall-membri. *Il-Junior Choir and Orchestra* kienu wkoll mpenjati diversi drabi tul dawn l-ahhar xhur. Wara l-programm annwali tal-ewwel ta' Awwissu, nhar it-2 ta' Settembru ħadu sehem għall-ewwel darba fil-funzjoni ddedikata lit-tfal b'quddiesa fuq kompożizzjoni ta' Suor Emma Camilleri. Il-*Junior Choir and Orchestra* ħadu sehem ukoll waqt l-Iljieli Melleħin nhar il-Ħadd 12 ta' Settembru. Nhar is-17 ta' Novembru tellgħu kunċert mużikali fil-pjazza tal-Mellieħa bħala parti minn konferenza dwar it-Turiżmu, bis-sehem ta' delegazzjoni mill-Unjoni Ewropeja. Fil-ġranet tal-Milied kienu mpenjati b'diversi kunċerti mużikali fosthom; fl-20 ta' Diċembru waqt Milied Melleħi, lejliet il-Milied fil-knisja Parrokkjali, 26 ta' Diċembru fil-lukanda Solana u Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar dejjem taħt id-direzzjoni ta' Michael Bonanno filwaqt li l-kor ġie ppreparat minn Susanne Bonello.

**Ritratt: Vince Fenech**

***Ikompli fl-aħħar paġna***

# A NEW LANDMARK IN MELLIEĦA

**Joseph DeBono, President**

It has been two years since starting our new club building project, having put in a large amount of voluntary working hours and seeing the project take shape, it has been a very interesting time. The idea that was forged many years ago to have a permanent choir and orchestra in our town was not taken lightly. In 1947 a group of young musicians put their ideas on the line and formed a local organisation that would encourage their musical talents and to be of service to the Mellieha community.



Over the years, moving from one place to another, our Society finally bought its own premises in 1991. In 2002 the opportunity arose to buy the adjacent property and so our Choral and Orchestral Society could continue what was started in 1995 in expanding musical education to a greater number of students wishing to sit for examinations by the Associated Board of the Royal Schools of Music. With the number of musicians and students ever increasing, it was only time that we should put our heads together and plan for premises that would be of use to the same members and others who have music at heart. These past years have seen many sacrifices by many who have been involved in our society, not only in the actual construction but also in every department needed to keep our organisation functioning. Conscious that the core of who we are, being the Choir and Orchestra, could start to suffer due to lack of interest, over burdening or even not enough funds to keep our busy programme schedule on track, we have managed so far to keep a fine line in moving forward in all quarters. Our music students are our back bone, and are with the help of tutors and senior members, tomorrow's singers and musicians who will take this Society forward. It is this vision that has kept our momentum of further expansion at the top of our agenda. Every one knows that an organisation of this size needs adequate finances to keep in operation, not more so than now, with the building project in progress and the every day sums needed. We are very much indebted to all those who in any shape or form have contributed in any way to help us achieve our goals. This momentum must not be lost, we are always very much in need of volunteers, material and finances to rise to the challenges ahead.

We will not let you down. It is with these aims and qualities that I present the Committee, Musical Director, members, teachers, students and friends all coming together to form the Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina'.



# Tidings of Joy

For all the students attending voice training lessons at the Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' of Mellieha, last December was an eventful and satisfying one. The concerts 'Carols at the Sanctuary' held on Friday 10th December 2010 at the Sanctuary of Our Lady of Mellieha and 'Carols – An Evening for Charity' held on Thursday 30th December 2010 at the St. Andrew's Scots Church in Valletta were a huge success. The cold weather and busy festive season did not deter a numerous crowd that gathered at both churches to attend and participate during the two concerts. Under the direction of Soprano Rosabelle Bianchi, the Vocal Ensemble, accompanied by pianist Miriam Muscat and flautist Yanika Borg performed various carols including; 'Mary had a Baby', 'The Christmas Lullaby', 'Child in a Manger', 'What Child is This?', 'Silent Night', 'Tu Scendi dalle Stelle', 'In dulci Jubilo' and 'Ninni la tibkix izjed'. Soloists Rosabelle Bianchi, Miriam Bartolo, Susanne Bonello, Eleanor Vella and Joseph Vella performed 'The Virgin Slumber Song', 'In the bleak Mid Winter', 'O Holy Night', 'Lullaby' and 'O come, o come Emmanuel' respectively. Both concerts came to an end with the audience's participation in 'Hark the Herald Angels Sing'. The Society's president Mr. Joseph DeBono and the respective parish priests made their speeches during both occasions. At the end of the concert in Valletta a retiring collection was made in aid of the missions in Zambia.



Ritratt: Michael Cauchi



Senior Choir and Orchestra during mass at the Mellieħa Parish Church on the occasion of Fr. Karm Mercieca's end of term as Parish Priest.



Junior Choir and Orchestra performing at the Solana Hotel during one of the annual Christmas Concerts.



*Ikompli mill-ewwel paġna*

Il-*Vocal Ensemble*, iffurmat minn studenti u membri tal-Għaqda taħt id-direzzjoni tas-Sopran Rosabelle Bianchi, tellgħu kunċert vokali ta' għanjiet tal-Milied mill-isbaħ; *Carols at the Sanctuary* nhar l-10 ta' Diċembru fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Din kienet l-ewwel darba li dan il-kunċert vokali ttella' f'dan is-sit tant għażiż għalina. Kull min attenda ħareġ sodisfatt bl-atmosfera sabiħa li kien hemm u żgur li ntlaqa' tajjeb ħafna mill-udjenza numeruża li mliet is-Santwarju. Dan il-kunċert vokali reġa' ttella' taħt it-titlu ta' *Carols – An Evening for Charity* fil-knisja ta' *St Andrews Scots Church* fil-Belt Valletta nhar it-30 ta' Diċembru fejn il-qliegħ kollu mar għall-missjoni.

Ma' dawn l-attivitajiet kollha nsemmu wkoll is-sehem tagħna matul il-ġimgħa ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bejn it-18 u l-24 ta' Diċembru fejn sar bejgħ ta' kannoli u ħelu ieħor ippreparat mis-Sur Albert Bartolo megħjun minn membri oħra. Parti mill-qliegħ minn dan il-bejgħ ingħata lid-Dar tal-Providenza waqt il-maratona annwali nhar l-ewwel tas-sena.

Nieħdu din l-opportunita biex nirringrazzjaw lill-membri kollha li matul is-sena kollha nsibuhom warajna għal kull attivita li tiġi organizzata, kemm mużikali kif ukoll soċjali.

F'isem il-kumitat u l-membri nixtiequ wkoll ngħidu grazzi lil Wisq Rev. Kappillan Dun Karm Mercieca tas-servizz li ta tul dawn l-aħħar sitt snin fil-Parroċċa tagħna bħala Kappillan. Nistgħu ngħidu li dejjem sibna l-koperazzjoni sħiħa tiegħu u nawgurawlu kull suċċess fil-ħidma pastorali l-ġdida tiegħu. Kien għalhekk li bi pjaċir ħadna sehem waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament nhar il-5 ta' Marzu. Fl-istess ħin ukoll nawguraw lil Dun Joe Caruana, il-kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tagħna u nwiegħduh koperazzjoni sħiħa.

Din is-sena jidher li se tkun waħda nteressanti ħafna għalina. Kif spjegajna qabel, ix-xogħol tal-bini miexi b'ritmu tajjeb u bl-għajnuna ta' kulħadd se nibdew nagħlqu l-ewwel sulari. Pero` biex dan ikun jista' jseħħ għandna bżonn iktar għajnuna finanzjarja. Nagħmlu appell lil kull min jista' jgħinna kemm finanzjarjament jew bi provediment ta' materjal biex jasal wasla sad-dar tal-Għaqda jew iċempel fuq 79521970. Aħna konvinti li bi ftit għajnuna minn għand kulħadd nistgħu naslu għall-mira finali tagħna, dik li jkollna dar Melleħija li sservi għal skop ta' tagħlim mużikali u tat-tkattir kulturali fil-lokalita' tagħna.

